# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 38 – IT-TNEJN 16 TA' APRIL 2012

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:45pm.

| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
|---|---|---|
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Kien hemm attendenza ta' żewġ persuni waqt il-laqgħa.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 37

1.1 Fuq talba tal-Kunsillier Vella dwar para. 4.3 fir-rigward tal-laqgħa dwar Binja Qlejgħa, kien hemm qbil li fil-bidu jiżdiedu l-kliem 'Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Vella'.

1.2 Fuq talba tal-Kunsillier Scerri Diacono dwar para. 2.7, kien hemm qbil li tiżdied is-sentenza 'Il-Kunsillier Scerri Diacono talab li tintbagħat ittra liż-żewġ eks-SE biex jikkonfermaw bil-miktub xi ftehim kien hemm bejn l-impjegat u s-SE'.

1.3 Il-Minuti tas-seduta 37 ġew approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI 37

2.1 Kien hemm qbil li tiġi sospiża l-laqgħa temporanjament sabiex l-iskrivan tal-Kunsill, is-Sur Joe Spiteri, jingħata l-opportunità li jispjega ruħu dwar *vacation leave* li akkumula sentejn wara xulxin (2010 u 2011). Il-ħin kien it-8pm.

2.2 Il-laqgħa reġgħet ingħatat bidu fid-9pm.

2.3 Fuq il-kwistjoni tal-iskrivan, il-Kunsill qabel li għandu jibqa' mal-istess deċiżjoni li ħa waqt il-laqgħa preċedenti, jiġifieri li l-*vacation leave* żejjed ma jingħatax ħlief għal 48 siegħa. Kien hemm qbil sadanittant li għandha tintbagħat korrispondenza lis-Sur Portelli u lis-Sur Guillaumier biex jispjegaw ruħhom. Dan wara li l-iskrivan kien appella mid-deċiżjoni tal-Kunsill għaliex sostna li kien hemm ftehim verbali bejnu u ż-żewġ SE preċedenti.

2.4 Fuq talba tas-Sindku, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob kwotazzjoni lill-AMACS fir-rigward tar-*re-enactments* tal-militar għal Military Mtarfa. Sadanittant is-SE infurmat li l-kwotazzjoni li għadda s-Sur Camilleri kienet ta' €2300 u kienet tinkludi sparar bil-Bofors u l-Bren Gun, *ceremonial drills*, wirjiet statiċi, *Field Hospital* u *Field Kitchen* fost oħrajn. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jitlob lis-Sur Camilleri sabiex jirranġa li jgħaddi ajruplan minn fuq l-Imtarfa sabiex l-

isparar tal-Bofors jidher aktar reali. Kien hemm qbil ukoll li għandu jsir arranġament biex ikun hemm *re-enactment* ta' *Victory Kitchen*.

2.4 Dwar il-każ ta' Binja Qlejgħa, il-Kunsillier Vella insista u wera dokumentazzjoni mingħand l-Awtorità tad-Djar biex isostni li l-parkeġġ huwa responsabbiltà tal-Kunsill. Is-Sindku iżda informa li ma kien hemm ebda riferenza fil-minuti tal-Kunsill li juri li għamel xi xogħlijiet fuq il-parkeġġ. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jibqa' jinsisti mal-Awtorità qabel ma jaċċetta ebda responsabbiltà. Sadanittant, fuq talba tas-Sindku, is-SE ppreżentat il-minuti tal-laqgħa li saret mal-Onorevoli Dott. Chris Said flimkien ma' rappreżentanti tal-Binja.

2.5 Fuq talba tal-Kunsillier Vella, kien hemm qbil li s-Sindku għandu jipprova jagħmel laqgħa oħra bejn rappreżentanti tal-Kunsill, membri tal-assoċjazzjoni tal-binja, l-Awtorità tad-Djar u l-Onorevoli Said.

2.6 Is-Sindku informa li aktar kmieni dik il-ġimgħa kien ġie ffirmat ftehim mis-CEO tal-Awtorità tad-Djar, is-Sindku u s-SE fir-rigward tal-Iskema ta' finanzjament għar-Riġenerazzjoni tal-Binjiet tal-Gvern. Sadanittant il-Kunsill qabel mal-abbozz tal-pjanta għall-estensjoni tal-parkeġġ ta' quddiem Binja San David li kien ħejja l-perit u li ntweriet mis-SE. Kien hemm qbil li bil-kumplament tal-flus li jifdal mill-iskema ta' finanzjament li l-Kunsill irnexxielu jirbaħ mill-Awtorità, għandu jiġi rranġat il-madum ta' bejn il-blokok u possibbilment jinxtraw il-pompi għall-funtani. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir laqgħa mar-residenti tal-blokka u l-viċinanzi.

2.7 Kien hemm diskussjoni fir-rigward tal-dramm tal-passjoni, fejn fost oħrajn ġie diskuss il-każ li nqala' dwar il-bar li tpoġġa' mid-Drama Group viċin tal-i*snack-bar*. Hawnhekk is-SE infurmat li wara l-ewwel *performance* kienu avviċinawha numru ta' Kunsilliera u talbuha tikkomunika mas-Sur John Micallef sabiex il-bar jitmexxa għall-faċċata l-oħra. Hija infurmat li matul it-tieni ġurnata l-grupp kien irreżista t-talba tal-Kunsill u tmexxa biss fl-aħħar ġurnata, meta fil-fatt il-*performance* ma saritx minħabba x-xita. Kien hemm qbil li għas-snin li ġejjin għandu jkun il-Kunsill li jistabbilixxi l-lok ta' fejn għandu jitpoġġa l-bar u mhux jintagħżel min-naħa tad-Drama Group.

2.8 Is-SE infurmat li kienet ġiet iffissata ġurnata sabiex issir id-diskussjoni pubblika dwar l-appell tal-knis. Hija infurmat li l-Kunsilliera kollha qed jiġu mitluba sabiex jattendu. Hawnhekk il-Kunsilliera Bugeja infurmat li ma kienx possibbli għaliha li tattendi.

## 3. Ħlasijiet u Pagamenti

3.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

3.2 Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibdel l-andament tal-aġenda skont kif ġej.

## 4. Baġit u Pjan ta' Tliet Snin

4.1 is-SE infurmat li ħadd mill-Kunsilliera ma kien wera li jixtieq jagħmel xi emendi wara li kienet għaddiet kopja tal-abbozz tal-baġit permezz tal-*email*. Wara konsiderazzjoni kien hemm qbil li l-baġit għandu jiġi approvat kif preżentat.

4.2 Fir-rigward tal-pjan ta' tliet snin, il-Kunsill qabel li ma jinkludi l-ebda proġett jew pjan ġdid sabiex ma jtellifx pjanijiet lill-Kunsill il-ġdid li se jidħol fis-seħħ matul is-sena d-dieħla.

## 5. LEJLA POE-MUŻIKALI

5.1 Is-SE infurmat li kienet qed tieħu ħsieb l-attività flimkien mas-Sur Salv Sammut.

5.2 Sadanittant preżentat numru ta' nomini għal Mertu u Ġieħ l-Imtarfa. Irriżulta li kien hemm 6 nomini għas-Sur Simon Spiteri, waħda għas-Sur Simon Spiteri u l-kumitat tal-Imtarfa FC YN fir-rigward tal-Mertu. Kien hemm qbil unanimu li dan għandu jingħata lis-Sur Simon Spiteri.

5.3 Fir-rigward tal-Ġieħ l-Imtarfa kien hemm nomina waħda għas-Sur Salv Sammut. Kien hemm qbil unanimu li Ġieħ l-Imtarfa għandu jingħata lis-Sur Salv Sammut.

5.4 Hawnhekk il-Kunsilliera Bugeja skużat ruħha mil-laqgħa. Il-ħin kien il-10:45pm.

## 6. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

6.1 Is-SE infurmat li TM kienet qed tissuġġerixxi li rotta 203 tibda tgħaddi minn Ta' Qali minflok minn *Tal-Warda Estate*. Kien hemm qbil unanimu mal-proposta.

6.2 Is-SE infurmat ukoll li kienet irċeviet kommunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn kienet tnaqqset 0.25% tal-allokazzjoni għaliex il-Kunsill naqas milli jirrispondi għal Mistoqsija Parlamentari (PQ). Is-SE kienet kitbet lura immedjatament sabiex titlob biex ma jsirx it-tnaqqs minħabba li meta ntbagħatet il-PQ l-Kunsill kien fi transizzjoni bejn żewġ SE. Hija infurmat li sal-ġurnata kienet għadha ma rċeviet l-ebda risposta mingħand id-Direttur.

6.3 Is-SE infurmat li l-MEPA kienet issuġġeriet li tinfetaħ parti minn triq fi Triq l-Imtarfa, eżattament ħdejn il-ħanut tal-laħam. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din il-proposta (PC/12/12).

6.4 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva ittra mingħand is-Sur Raymond Falzon, resident li joqgħod taħt Triq San Oswald fejn qed jgħid li hemm periklu. Hija preżentat xi ritratti li ħadet u li kien jikkonferma li l-ħajt huwa pjuttost baxx. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tivverifika jekk hemmx bżonn ta' xi permess mill-MEPA biex possibbilment isir xi tip ta' *fencing* bil-ħadid.

6.5 Is-SE infurmat li Green MT kienu qed jissuġġerixxu li tinbeda skema ta' ġbir ta' ħġieġ fl-Imtarfa. Kopja tal-korrispondenza kienet intbagħtet lil kull kunsillier. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

6.6 Is-SE infurmat ukoll li l-kuntratt tal-bring in sites mal-Green MT kien skada. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiġi ffirmat għalkemm għandha tingibed l-attenzjoni tagħhom li l-Kunsill kien għamel talba għal CCTV's li qatt ma ġew installati. Min-naħa l-oħra, is-Sindku informa li kien qed isir it-tindif madwar l-iskips fuq bażi regolari.

6.7 Għall-mistoqsija tal-Korporazzjoni tas-Servizz tal-Ilma, il-Kunsill qabel li jagħżel Skema B, jiġifieri li meta jsir xi xogħol min-naħa tagħhom, dawn kellhom jieħdu ħsieb jagħmlu x-xogħol ta' *reinstatement* kompletament huma.

6.8 Għat-talba mill-Kulleġġ San Nikola Sekondarja Subien tan-Naxxar, kien hemm qbil li jinxtara ktieb għas-somma ta' €20 sabiex jiġi preżentat lil wieħed mill-istudenti Mtarrfin mill-Kunsill Lokali Mtarfa.

6.9 Is-SE preżentat kopja ta' ittra mingħand l-organizzaturi tal-Imdina Grand Prix 2012 fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex tiġi organizzata din it-tellieqa fuq bażi ta' jumejn. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob laqgħa mal-organizzaturi minħabba li ma kienx jaqbel mal-fatt li f'Ottubru li għadda l-Imtarfa kienet ġiet iżolata u nħolqot inkonvenjenza kbira lir-residenti.

6.10 Is-SE infurmat li l-Kunsill irċieva kommunikazzjoni mingħand l-Avukat Martin Fenech f'isem wieħed mill-applikanti tal-offerta tal-ġbir ta' skart. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jerġa' jinfurmah li l-offerta se toħroġ dalwaqt filwaqt li kull min diġà tefa' l-offerta tiegħu se jitħalla japplika bla ma jerġa' jħallas. Is-SE infurmat li sadanittant kienet irċeviet lura mingħand is-Sur Silvio Frendo u dan kien għaddielha l-i*specific conditions*.

6.11 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand għalliema tan-netball li kienet bdiet tieħu ħsieb tim tat-tfajliet f'isem il-lokalità tal-Imtarfa. Hija kienet qed titlob li l-Kunsill jinstalla *floodlight(s)* f' wieħed mill-grawnds tal-Iskola Sekondarja u ssir żebgħa mal-art mill-ħaddiema tal-kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jgħin fejn jista' sakemm din l-għalliema tgħaddi lill-Kunsill ittra mingħand is-Surmast tal-Iskola li m'għandux oġġezzjoni li jsir dan ix-xoghol.

6.12 Kien hemm qbil li għandha terġa' tintbagħat tfakkira dwar il-periklu li hemm in-naħa ta' fuq tat-torri tal-ilma.

6.13 Is-Sindku informa li kienu reġgħu ħarġu l-offerti fuq il-*playing field* u li kienu se jibdew jiġu aġġudikati f'qasir żmien.

6.14 Hawnhekk kien hawn qbil unanimu li l-Kunsill għandu jkompli bil-laqgħa għalkemm kien sar il-ħin.

6.15 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandha ssir talba konġunta mal-kunsilli tar-Rabat u Mdina sabiex isir dawl fi Triq il-Maltin Internati u Eżiljati, magħrufa aħjar bħala l-*Bypass* tal-Imtarfa.

## 7. PUNTI OĦRA

7.1 Fuq talba tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li jsiru tabelli fi Triq is-27 ta' April biex il-ħmieġ tal-klieb jinġabar. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jitlob lir-Reġjun sabiex iżidu aktar il-ħinijiet tal-Gwardjani l-Ħodor (*Green Wardens*) fil-lokalità tal-Imtarfa.

7.2 Il-Kunsill Vella talab li jiġi skużat mil-laqgħa fil-11:30pm.

7.3 Il-Viċi Sindku talab li jsiru marki tal-parkeġġi individwali fi Triq Sir Leslie Rundle u Triq Gregorio Caraffa. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dawn m'għandhomx isiru għaliex jinħela aktar spazju.

7.4 Fuq talba tad-Dar tal-Anzjani li twasslet mill-Viċi Sindku, kien hemm qbil li għandu jinqata' l-ħaxix tad-daħla.

7.5 Il-Kunsillier Scerri Diacono informa li kien sar il-festin tal-Għid tat-tfal fejn kienu attendew 18-il tifel u tifla. Huwa rringrazzja lill-iMtarfa Pharmacy u James Caterers tad-donazzjonijiet.

7.6 Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Scerri Diacono dwar l-immarkar tal-*edgeline* fil-*Bypass* tal-Imtarfa, is-SE infurmat li kienet għaddiet aktar minn talba waħda lill-TM.

7.7 Is-Sindku talab li ssir kommunikazzjoni mal-esperti biex nivverifikaw jekk il-prinjol li qed jintalbu biex jinqalgħu fi Triq Sir Leslie Rundle jistgħux jitħawlu xi mkien ieħor. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lill-Awtorità tad-Djar biex titlob li jgħinu lill-Kunsill biex dawn jinqalgħu.

**8. AĠĠORNAMENT**

8.1 Il-laqgħa spiċċat f'11:45pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 14 ta' Mejju 2012 fis-7.30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku**